TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 181/12-F

**Frances u Anthony Busuttil**

**vs**

**Technocom – Luke Agius & Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u disgħa w erbgħin ewro (€549), kif ukoll sitta u sittin ewro (€66) spejjeż addizzjonali, rappreżentanti prezz ta' friġġ li bdiet tagħmel ħafna friża u ilma minn ġewwa u l-ilma beda joħroġ barra fl-art.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw friġġ u din il-friġġ bdiet tagħtihom ħafna problemi, liema friġġ bdiet tagħmel ħafna silġ u ilma fuq ġewwa u l-ilma beda joħroġ barra fl-art, u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi wara li nxtrat il-friġġ fis-sena 2011, kienu bidlulha l-friġġ ftit xhur wara, pero' baqgħu bl-istess problemi, tant li t-tieni friġġ reġgħu sewwuwha u biddlulha t-thermostat, u minkejja li għamlulha t-testijiet xorta baqgħet bl-istess problema, u għalhekk is-soċjeta' ntimata qed tgħid illi l-problema mhix ġejja mill-friġġ

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tipprova ttejjeb is-sitwazzjoni tal-friġġ, tant li saħansitra bidlitha wkoll, pero' jibqa' l-fatt illi l-problema għadha teżisti u jidher li ma tistax tissolva. Illi ma jidhirx li m'hemm xejn ħażin mill-friġġ imma hija l-problema tal-ambjent, u li qed tkun ippakjata b'ħafna ikel u b'hekk qegħda tirriduċi ċ-ċirkulazzjoni.

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn il-verżjonijiet, u kif ukoll bil-fatt illi ħadd ma talab sabiex jinħatar espert tekniku u t-Tribunal ma jħossx illi għandu jitqabbad espert tekniku għax jinvolvi ħafna spejjeż, jikkonkludi li l-friġġ mhix tajba għall-użu li qed tagħmel ir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata Crosscraft Co. Ltd. tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata Crosscraft Co. Ltd, u b'dan illi l-friġġ tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata Crosscraft Co. Ltd wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**